TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

## Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Joseph Muscat
Vs
Mirage Holdings Ltd

CCT 38/20/MM

Illum, 2 ta' Novembru 2021

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fis-27 ta' Frar 2020 fejn talab is-somma ta' ħames mitt Ewro (€ 500), ammont rappreżentanti d-depożitu fuq *fridge* mixtrija minnu liema fridge wara allegatament it-trepass ta' erba' ġimgħat kienet għada ma waslitx u għalhekk ir-rikorrenti kkanċella l-ordni.
Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata pprezentata fis-7 ta' Jannar 2021 fejn ikkontestat it-talba għal diversi raġunijiet, primarjament minħabba li r-rikorrenti kien aċċetta u ffirma t-termini u kundizzjonijiet u għalhekk meta kwalunkwe ordni tiġi kanċellata id-depożitu jintilef favur is-soċjeta' intimata.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi joħroġ ċar mill-fatti li ma ġewx kontradetti li r-rikorrenti effettivament ikkuntratta mas-soċjeta' intimata nhar is-27 ta' Diċembru 2019. Illi l-ittra li permezz tagħha ir-rikorrenti informa lis-soċjeta' intimata li huwa xtaq jikkanċella l-ordni minħabba li effettivament minkejja t-trepass ta' xahar kien għadu ma rċeviex il-*fridge* in kwistjoni ġġib id-data tas-27 ta' Jannar 2020.

Ikkunsidra

Illi l-pern tat-talba tar-rikorrenti tirrigwarda l-fatt li minkejja t-trepass ta' xahar huwa kien għadu ma rċeviex l-oġġett in kwistjoni dan iktar u iktar meta skontu dan kien oġġett li min-natura tiegħu jirrikjedi urġenza u ma setgħax jibqgħa mingħajr dan l-oġġett ġewwa daru.
Illi it-tielet (3) punt tat-termini u kundizzjonijiet jipprovdi illi:

*The client agrees and accepts that the deposit being paid hereon is non-refundable and to be forfeited in favour of Mirage Holdings Ltd, in the event the order is cancelled by the client for any reason whatsoever.*

Illi huwa minnu li dan il-punt fit-termini u kundizzjonijiet jikkorrabora t-teżi tas-soċjeta' intimata madanakollu, dan ma jfissirx li kwalunkwe nuqqas mill-istess soċjeta' għandu jintuża favur l-istess sabiex din tibbenifika min-nuqqasijiet tagħha a skapitu tal-istess konsumaturi tagħha.

Illi dan it-Tribunal kellu l-opportunita' jara quddiemu l-komportament tax-xhieda u l-partijiet, speċjalement il-mod kif ir-rappreżentant tas-soċjeta' intimata biddel il-verżjoni tiegħu ta' taħt fuq fit-trattazzjoni orali tiegħu, liema trattazzjoni, minkejja li ma ġietx traskritta, dan it-Tribunal kellu kull opportunita' jisma' kif f'daqqa waħda ingħad minn Andrew Camilleri li kien offra lill-intimat a spejjeż tal-istess soċjeta' konvenuta *delivery* immedjata bil-*courier* lir-rikorrenti. Fil-verżjoni tiegħu quddiem it-Tribunal fis-seduta tas-16 ta' Frar 2021 huwa stqarr li kien biss li kieku l-attur kien infurmah li xtaqa qabel huma kienu ser jagħmlu hekk.

Illi it-Tribunal iħoss, wara li eżamina l-provi bir-reqqa u l-komportament tax-xhieda, li effettivament id-*delivery* ma saritx mhux għax kien hemm din il-malinteża li r-rikorrenti kien fid-dmir li minn jheddu jitlob li ssir bil-*courier* flok jistenna d-*delivery* bit-trakk tas-soċjeta' intimata, iżda għaliex effettivament dan it-Tribunal iħoss li l-*fridge* ma kienetx a dispożizzjoni tas-soċjeta' intimata u b'hekk ma riedetx tintrabat b'data partikolari. Dan pero' ma jiġġustifikax id-dewmien li kellu jsofri r-rikorrenti.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan l-avviż, għar-raġunijiet fuq spjegati, billi jilqgħa it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata.

Martha Mifsud LL.D.
Arbitru